**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**
**(Spettur Rennie Stivala)**
**Vs**

**Daniele Aquilina**

Kumpilazzjoni Numru: 1036/2013

Illum 11 ta' Jannar 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Daniele Aquilina ta' 19-il sena, iben Mary Rose Camilleri xebba Aquilina, mwieled Pieta' nhar 19 ta' Settembru 1993 u residenti gewwa l-Ghorfa, Triq Sir Ugo Mifsud, Ta' Xbiex, detentur tal-karta tal-identita' numru 568393M talli f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Fit-28 ta' Mejju 2013, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor, ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewto u erba w disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletn centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-kumpanija GO plc u/jew Andrea Guiga;

2. Fil-15 ta' Gunju 2013, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor,

ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor, ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewto u erba w disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletn centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-kumpanija GO plc u/jew Andrea Guiga u Raisa Fenech;

3. Fit-8 ta' Mejju 2013, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor, ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewto u erba w disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletn centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-kumpanija Vodafone u/jew Andrea Guiga;

4. Fil-20 ta' Gunju 2013, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor, ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewto u erba w disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletn centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-kumpanija GO plc u/jew Christian Borg;

5. Fl-4 ta' Lulju 2013, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor, ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewto u erba w disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletn centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-kumpanija GO plc u/jew Jessica Fenech;

6. Fil-10 ta' Lulju 2013, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor, ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewto u erba w disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletn centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-kumpanija GO plc u/jew Julianne Grima;

7. U aktar talli, fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'atti awtentici u pubblici, jew fi skritturi kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi, jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

8. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza;

9. U aktar f'Malta assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni bil-ghan li jaghmel reat;

10. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu, jew ghamel uzu, ikun xi jkun minn xi document tal-identita', meta ma kienx id-detentur tal-karta tal-identita' jew l-agent tad-detentur fil-qadi ta' xi htiega tal-att dwar il-karta tal-identita' u dokumenti ohra tal-identita' jew ta' xi ligi ohra;

11. U aktar talli gie fil-pussess tieghu xi document tal-identita' mahrug lil xi persuna ohra, u ma kkonsenjahx jew baghtu minnufih lid-detentur taghha jew lill-ufficjal awtorizzat;

12. U aktar talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni ta' probation, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseuta mill-Magistrat Dr C. Scerri Herrera nhar il-15 ta' Marzu 2011 liema

sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

13. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dott. Saviour Demicoli LL.D f'dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Daniele Aquilina u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 200 euro bhala depositu u 20,000 euro bhala garanzija personali jghaddu favor il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

14. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dott. Edwina Grima LL.D f'dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Daniele Aqulina u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 5,000 euro bhala garanzija personali jghaddu favor il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

15. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dott. Antonio Micallef Trigona LL.D f'dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Daniele Aqulina u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 5,000 euro bhala garanzija personali jghaddu favor il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

16. Finalment akkuzat li huwa sar recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminlai, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definttivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat li l-imputat fis-seduta tad-19 ta' Novembru, 2014 irregistra ammissjoni u li wara li l-Qorti tatu zmien sabiex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu huwa kkonferma l-ammissjoni.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Rat li l-kaz thalla ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghalhekk dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Illi nkwantu ghall-piena filwaqt li l-prosekuzzjoni tinsisti ghal prigunerija effettiva, id-difiza ssottomettiet li sentenza ta' prigunerija effettiva mhix idonea fic-cirkostanzi billi l-imputat ghamel progress kbir.

Illi l-imputat jinsab akkuzat li kkommetta truffa ghad-dannu ta' diversi individwi u jew kumpaniji; kif ukoll imputazzjonijiet li ohra ta' reati li servew bhala mezz ai fini; u li wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' ordni ta' probation, li kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest u finalment li huwa recediv.

Il-Qorti ma tistax tqis dawn ir-reati b'leggerezza ghaliex huma reati, partikolarment inkwantu ghat-truffa, li jaghmlu hsara mhux biss lill-individwu li jkun garrabha izda wkoll lis-socjeta' in generali. Inkwantu ghall-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest juru li l-imputat fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reati kien menefregista u baqa' ghaddej bl-isfida tieghu kontra s-socjeta' u kontra kull awtorita'. Harsa imbaghad lejn il-fedina penali tal-imputat jigi nnutat li ghalkemm l-imputat ghadu ta' eta' zghira diga' xellef dufrejh mal-

gustizzja diversi drabi u inghata hafna opportunitajiet mill-Qrati taghna fosthom diversi ordnijiet ta' probation precizament erbgha.

F'dawn il-proceduri giet prodotta bhala xhud Svetlana Bezzina, ufficjal tal-probation, li ilha ssegwi lill-imputat mis-sena 2012. Hija xehdet li fil-bidu li bdiet issegwih gew identifikati numri ta' aspetti li jirrikjedu attenzjoni partikolarment l-aspett tax-xoghol, l-attitudni tieghu bill huwa ma jaghrafx il-konsegwenzi ta' ghemilu u l-hbiberiji. F'dak iz-zmien kien ukoll jaghmel uzu mill-cannabis. Gie ghalhekk imhejji pjan ta' kura u fil-bidu l-imputat kien sejjer tajjeb. Izda inkwantu ghal xoghol fil-komunita' dan ma tax rizultati tajba ghalkemm eventwalment ix-xoghol twettaq minnu. It-testijiet ghal sustanzi illeciti li saru dan l-ahhar sena kienu kollha fin-negattiv.

Xehed ukoll iz-ziju tal-imputat John Colombo li ta dettalji dwar it-trobbija tal-imputat u dwar il-problemi familjari li kellu jiffaccja waqt li kien tifel u fi zmien l-adoloxxenza. Ix-xhud spjega li dawn l-ahhar snin avvicina l-familja tieghu u huwa avvicinaw ruhhom aktar mal-imputat u huwa qieghed izomm ghajnejh fuq l-imputat biex ma jizbaljax.

Jirrizulta wkoll li dawn l-ahhar xhur l-imputat beda jahdem bhala self-employed.

Jirrizulta wkoll mix-xhieda tar-rapprezentanti tal-kumpaniji Vodafone plc u GO plc li l-imputat hallas dak kollu li kien dovut anki jekk mhux dejjem b'regolarita' izda l-ammonti dovuti thallsu u kwindi huwa ghamel tajjeb, almenu ekonomikament, ghall-hsara minnu kagunata.

Il-Qorti tqis li f'dan l-istadju ghandha tirreferi ghal xi gurisprudenza sabiex tikkunsidra x'piena ghandha tigi erogata.

Illi in linea generali jibda biex jinghad *li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent*

*generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena[1].*

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghall-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, uentro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.Illi pero c-cirkostanzi ta' kull kaz tant jistghu ikunu partikolari li l-piena prospettata mill-legislatur, anke fil-minimu taghha, ma sserviex biex jintlahaq dak il-bilanc fuq imsemmi. Il-Qorti fil-fatt ghandha l-fakolta li fid-diskrezzjoni taghha, u fejn il-Ligi ma teskludiex l-ezercizzju ta' din il-fakolta, teroga piena li tkun taht il-minimu preskritt fil-ligi.

Illi aktar minn hekk il-Ligi tipprospetta li l-esekuzzjoni ta'sentenza (ta' prigunerija) tigi sospieza ghal perjodu ta' zmien u, jekk ikun opportun, din is-sospensjoni tista' ssir taht ceru kundizzjonijiet, inkluz ordni ta' supervizzjoni u ordni ta' trattament.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fil-kawza Il-Pulizija vs Maurice Agius[2] dik il-Qorti (anke b'referenza ghas-sentenza taghha stess moghtija fil-kawza Il-Pulizija vs Anthony Wood[3]) qalet hekk:

*"Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta`u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal*

---

[1] Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Novembru, 2006

[2] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009

[3] Deciza fit-23 ta' Settembru 1994.

*dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil-gazzetti jew f'xi blog fuq l-internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi. Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza R v. Sargeant: "Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija vs Annabelle Camilleri**[4] gie ritenut:

*"Il-Qorti rat diversi kazijiet decizi mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn kwistjonijiet simili gew dibattuti u decizi. Hekk per ezempju fil-kaz : "Il-Pulizija vs Rittmar Hatherly u Justin Farrugia" deciza nhar id-9 t'Ottubru 2008, minkejja l-fatt li l-imputati kienu specifikament mixlija li kkommettew ksur ta' kundizzjonijiet imposti fuqhom mill-Qorti tal-Magistrati, u li huma ammettew ghall-istess imputazzjoni, il-Qorti tal-Magistrati kienet qeghdithom taht ordni ta' probation; filwaqt li l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ikkonfermat din l-ordni ta' probation fil-konfront ta' Rittmar Hatherly filwaqt li hassritha fil-konfront ta' Justin Farrugia minhabba li dan wera bic-car li ma riedx joqghod ghall-ordnijiet tal-Probation Officer assenjat lilu.*

*Principju simili gie ribadit aktar ricenti fil-kawza fl-ismijiet : "Il-Pulizija vs Andrew Formosa" decia nhar l-20 ta' Mejju 2011 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali konfrontata b'sitwazzjoni simili ghal dik in disamina fejn il-Prosekuzzjoni ma imputatx il-ksur tal-kundizzjonijiet jew talbet l-applikazzjoni tal-Artikolu 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, iddecidiet li tqieghed lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tliet snin, minkejja li l-Qorti tal-Magistrati kienet mhux biss sabitu hati, talli kienet ukoll applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Biss il-Qorti tal-Appell Kriminali hasset li l-imputat, ukoll ghar-ragunijiet imsemmija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Hatherly hawn fuq imsemmija, kellu jibbenefika minn ordni ta' probation, minkejja dak misjub fil-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Benjamin Farrugia,** il-Qorti tal-Appell Kriminali[5] qalet hekk:

[4] Deciza fil-25 ta' Marzu, 2014

*"Kif qalet il-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija kontra Ritmar Hatterley et tad-9 ta' Ottubru 2008, "Anki fil-kaz ta' persuna ta' età mhux zghira u li forsi hu recediv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna "a window of opportunity" li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija ...". Il-Qorti hija sodisfatta illi fil-kaz tal-appellant tfacca dan il-"window of opportunity" u zgur li mhux se tkun il-Qorti illi se taghlaq din it-tieqa ta' opportunità u ma taghtix lill-appellant jibbenefika minn dan il-progress illi s'issa immanifesta fil-mori ta' dan l-appell. Fit-trattazzjoni tieghu quddiem din il-Qorti l-Avukat Generali gibed l-attenzjoni tal-Qorti illi l-appellant hu addebitat ukoll bi ksur tal-probation moghtija milll-Qorti tal-Magistrati fit-3 ta' Frar 2013.*

*Ikkunsidrat:*

*L-appellant mhuwiex qieghed jikkontesta dan il-fatt u din il-Qorti hija konxja tar-responsabiltà taghha meta tigi infaccata ma' persuna illi tkun digà kisret ordni ta' probation. Però l-Qorti tal-Appell fil-kawza fuq imsemmija qalet ukoll, "issa, ghalkemm huwa veru li Qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a dispozizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-adocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-bandu l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap 446 ...".*

*Ghalhekk il-Qorti b'sens ta' fiducja u ottimizmu se terga' taghmel dan u tpoggi lill-appellant taht perjodu ta' probation sabiex jigi segwit professjonalment u jassigura illi dan il-progress illi ghamel s'issa jibqa' ghaddej u l-appellant ma jergax jaqa' fil-vizzju illi gabu f'tant inkwiet."*

Din il-Qorti hasbet fit-tul biex tasal ghal piena li ghandha tigi erogata. Dan billi ma tqisx li ghandha timminimizza n-natura tar-reati mwettqa mill-imputat li huwa sahansitra addebitat bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest. Tqis ukoll li l-imputat, anki kif jirrizulta mix-xhieda tal-ufficjal tal-probation, ghandu atteggjament li mhux dejjem huwa wiehed felici. Min-naha l-ohra pero' l-hati hallas dak kollu dovut lill-kumpaniji li gew defrawdati u b'diffikulta' qieghed jipprova jahdem bhala self-employed u ghadu wkoll zaghzugh.

[5] Deciza fis-26 ta' Frar, 2015

Tenut kont ta' dawn ir-rizultanzi kollha l-Qorti tqis li f'dan il-kaz m'ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva izda ghandha tpoggi ghal darb'ohra lill-imputat taht ordni ta' probation. Madankollu tqis li inkwantu ghall-imputazzjonijiet relatati mal-ksur tal-helsien mill-arrest ghandha timponi multa fuq il-hati b'dan izda li m'ghandhiex tordna l-konfiska tad-depozitu u tal-garanzija personali[6].

Ill inkwantu ghat-tnax-il-imputazzjoni din il-Qorti mhux se titratta mal-imputat ghal ksur taghha u d'altronde s-sentenza msemmija fl-istess imputazzjoni lanqas giet ezebita.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 48A, 49, 50, 183, 184, 308, 310(1)(a), 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 22(1) u 22(2) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-hati taht ordni ta' probation ghal zmien (3) snin skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza u dan inkwantu ghall-imputazzjonijiet numri 1 sa tnax.

Inkwantu ghall-imputazzjonijiet numri 13, 14 u 15 tikkundanna lill-hati ghal hlas ta' multa fl-ammont ta' elf euro (€1,000). Il-hati qieghed jinghata zmien sitt (6) xhur biex ihallas tali multa f'rati mensili. F'kaz ta' nuqqas ta' hlas ta' dan l-ammont jew parti minnu l-ammont dovut ghandu jigi konvertit fi prigunerija.

Il-Qorti taghzel li ma titrattax mal-imputat inkantu ghal ksur tal-ordni ta' probation.

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni ghar-revoka tad-digrieti tal-helsien mill-arrest imsemmija fl-imputazzjonijiet numri 13, 14 u 15 u ghar-ragunijiet indikati tichad it-talba wkoll ghall-konfiska tad-depoziti u garanziji personali.

[6] L-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali gie emendat ferm wara l-imputazzjonijiet odjerni u ghaldaqstant qeghda tigi applikata l-ligi qabel l-emendi u dik li kienet in vigore meta r-reat twettaq

Il-Qorti wissiet lill-hati bl-import tas-sentenza u l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet moghtija.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Tordna wkoll li kopja din is-sentenza u l-atti kollha jintbgahtu lill-Avukat Generali.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat